MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 1375/1996/1

**Emanuel Cini**

***Versus***

**Paul, Anthony u Joseph aħwa Cini, u l-Avukat Edwina Chetcuti u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil maħtura b'dikriet tal-20 ta' Novembru 1996 kuraturi deputati biex jidhru għall-imsiefer Vincent Cini li jinsab assenti minn dawn il-Gżejjer; u b'nota tal-5 ta' Diċembru 1996 Joseph Cini assuma r-responsabbiltà ta' kuratur ta' l-imsiefer ħuh Vincent Cini**

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob il-likwidazzjoni u l-qsim tal-wirt tal-ġenituri tal-partijiet.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi Rosario u Carmela miżżewġin Cini kienu għamlu testment *unica charta* fit-2 ta' Mejju 1975 fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia. Dan kien l-aħħar testment tagħhom, ħlief għal "dikjarazzjoni notarili" (*recte*, testment ieħor) li kien għamel Rosario Cini fit-12 ta' Frar 1994 fl-atti tan-Nutar John Patrick Hayman.

Carmela Cini mietet fit-2 ta' Lulju 1981 u Rosario Cini miet fl-14 ta' Novembru 1995.

Fit-testment tagħhom Rosario u Carmela Cini kienu ħallew lill-konvenuti ħut l-attur — Paul, Vincent, Anthony u Joseph aħwa Cini — werrieta tagħhom f'ishma ndaqs; lill-attur riedu wkoll jeskluduh mil-leġittima għar-raġunijiet imsemmija kemm fit-testment kif ukoll fit-testment fl-atti tan-Nutar Hayman. L-attur iżda jgħid illi ma huwiex minnu illi lilu ngħata f'ħajjet il-ġenituri dak li jmiss lilu biex jagħmel tajjeb għal-leġittima. Għalhekk, għadha tmiss lilu l-leġittima mill-wirt tal-ġenituri.

L-attur għalhekk qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti li kien hemm bejn il-miżżewġn Cini;
2. tillikwida l-wirt ta' l-istess miżżewġin Cini, li għandhom jinqasmu bejn il-partijiet b'dan illi għandha tiġi stabbilita l-parti riservata mil-liġi lill-attur bħala leġittima; u
3. taħtar nutar biex jippubblika l-att ta' diviżjoni fil-ġurnata, ħin u post li tgħid il-qorti, u taħtar avukat biex jidher f'isem min ma jersaqx għall-pubblikazzjoni ta' l-att.

Qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż.

Il-konvenut Paul Cini ressaq l-eċċezzjoni illi hu qatt ma oppona illi l-attur jieħu dak li jmiss lilu skond il-liġi u għalhekk ma għandux ibati spejjeż.

Il-konvenuti Joseph Cini *proprio et nomine* u Anthony Cini ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. it-talbiet ta' l-attur safejn jolqtu l-wirt ta' Carmela Cini waqgħu bi preskrizzjoni taħt l-art. 845 tal-Kodiċi Ċivili;
2. l-attur kien diżeredat kemm bis-saħħa tat-testment *unica charta* tat-2 ta' Mejju 1975 kif ukoll bl-istqarrija magħmula minn Rosario Cini fit-12 ta' Frar 1994 fl-atti tan-Nutar John Hayman, u dan skond l-artt. 622 u 630 tal-Kodiċi Ċivili; u
3. bla ħsara għall-eċċezzjonijiet l-oħra, trid issir il-prova ta' x'kienu l-assi illi l-attur ħa matul il-ħajja tal-konjuġi Cini, li kienu aktar minn kull sehem li jista' jkollu bħala leġittima; dan għandu jsir sabiex tiġi likwidata l-leġittima kif irid l-art. 620(3) tal-Kodiċi Ċivili.

Il-fatti relevanti huma dawn:

B'testment *unica charta* li kienu għamlu fit-2 ta' Mejju 1975 fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia, Rosario u Carmela miżżewġin Cini, ġenituri tal-partijiet, wara li ħassru kull

testment li għamlu qabel, ħallew xi legati u ħatru lill erba' konvenuti bħala werrieta f'ishma ndaqs, iddisponew hekk fit-tmien artikolu:

It-testaturi għal kull buon fini jiddikjaraw li ma ħallew xejn lil binhom l-ieħor Emmanuele Cini peress li dan ħa biżżejjed mingħand it-testaturi biex mhux biss jissodisfa l-leġittima imma wkoll biex jissupera ferm l-istess leġittima.[1]

Wara l-mewt ta' Carmela Cini, Rosario għamel testment ieħor fit-12 ta' Frar 1994 fl-atti tan-Nutar John Patrick Hayman, u wara li wettaq it-testment li kien għamel *iunica charta* ma' martu, fit-tieni artikolu għamel din l-istqarrija:

It-testatur b'referenza għat-tmien artikolu tat-testment fuq ċitat jordna li kemm-il darba Emmanuele Cini jippromovi xi azzjoni għal-leġittima *stante* li lilu sarulu diversi donazzjonijiet fi flus kontanti meta ipprova jmexxi diversi negozji, illi jikkalkola dawn id-donazzjonijiet illi t-testatur jiddikjara li fiż-żmien li sar il-preċitat testment kienu jammontaw għal għaxart elef lira (Lm10,000).

L-attur qiegħed jiċħad li ħa biżżejjed biex jagħmel tajjeb għal-leġittima. Għalhekk li hu meħtieġ f'din il-kawża hu li naraw x'kien fih il-wirt u kemm ħa l-attur. Qabel dan, iżda, għas-sehem li jmiss mill-wirt lill-konvenuti Vincent, Anthony u Joseph Cini, irridu nqisu l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni dwar il-wirt ta' Carmela Cini.

L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni tressqet taħt l-art. 845 tal-Kodiċi Ċivili, li fiż-żmien relevanti għal din il-kawża kien igħid hekk:

**845.** (1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew leġittima, jew is-sehem tal-beni li l-liġi tagħti lit-tfal illeġittimi jew lil żewġ jew mart il-mejjet, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk *ab intestato*, tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni.

Huwa relevanti wkoll dak li jgħid l-art. 647 tal-Kodiċi Ċivili, li taħtu saret l-azzjoni ta' l-attur:

**647.** Id-disposizzjonijiet ta' testment, meta jaqbżu s-sehem li minnu seta' jagħmel it-testatur, għandhom jitnaqqsu sa dak is-sehem, fiż-żmien tal-ftuh tas-suċċessjoni, iżda dan kemm-il darba t-talba tiġi magħmula fiż-żmien imsemmi fl-artikolu 845.

---

[1] *Fol.* 6.

Carmela Cini mietet fit-2 ta' Lulju 1981, u l-kawża nfetħet fid-29 t'April 1996, sew aktar minn għaxar snin wara, u matul dan iż-żmien il-wirt kien f'idejn il-werrieta.
L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa minn Vincent, Anthony u Joseph Cini għandha tintlaqa'.
Ngħaddu issa biex naraw x'ħa l-attur fil-ħajja tat-testaturi.
Il-missier, fit-testment tiegħu, igħid illi meta sar l-ewwel testment, u għalhekk kienet għadha ħajja l-omm, l-attur kien ingħata għaxart elef lira (Lm10,000). L-attur jiċħad dan u jgħid li ma ħa xejn.
Il-qorti hija tal-fehma illi ma tistax toqgħod wisq fuq il-kelma ta' l-attur għax ix-xhieda tiegħu ma hijiex konsistenti magħha nfisha. Fl-*affidavit* tiegħu maħluf fl-4 ta' Diċembru 2001 kien qal illi kellu relazzjoni tajba ma' missieru sakemm beda jmur ma' mara miżżewġa u minħabba f'hekk ir-relazzjoni qraset tant illi, bla ma kellu jieħu xejn mingħandu, missieru kiseb il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji kontra tiegħu biex iħares pretensjoni ta' dejn. Għalkemm fl-*affidavit* jiċħad li kellu jagħti lil missieru, l-attur kompla jgħid illi l-mandati tant sallbuh fin-negozju tiegħu li kellu jċedi għar-rikatt u lil missieru tah elf u ħames mitt lira (Lm1,500) *b'datio in solutum* u tliet mitt lira (Lm300) fi flus. Fl-*affidavit* xehed hekk:
Ġara li fl-1965 jiena bdejt relazzjoni ma' ċerta Loreta Debono *née* Zerafa, li llum hija l-mara tiegħi u li dak iż-żmien kienet miżżewġa ma' raġel ieħor. Il-ġenituri tiegħi ma kinux japprovaw din ir-relazzjoni li jien kelli ma' mara miżżewġa u bħala konsegwenza s-sitwazzjoni bejni u l-ġenituri tiegħi marret lura aktar ma beda jgħaddi ż-żmien.
Fil-fatt fl-1975 missieri keċċieni mid-dar tiegħu u ta' ommi u jien kelli mmur ngħix ma' Loreta Debono u sussegwentement missieri iddeċieda li joħroġ mandati fil-konfront tiegħi minħabba dejn li huwa qal li jien kelli miegħu. Dawn il-mandati ta' sekwestru ħarġu fl-1975 u fl-1976 f'liema snin jien kelli għaddejjin varji proġetti kbar, fosthom il-bini ta' xi proprjetà fl-Armier u kuntratt mal-gvern u kellhom il-konsegwenza li jwaqqfuni f'xogħli billi jien ma stajtx niġbor flusi mill-bank u billi l-bank, meta sar jaf b'din is-sitwazzjoni, għażel li ma jselliflix flus għall-proġetti tiegħi. … … …
Għaldaqstant, bi pressjoni min-naħa tal-mara li ma xtaqitx li niġġieled aktar mal-familjari tiegħi u fuq suġġeriment tal-

*bank manager* li spjegali li dan kien l-aħjar mod sabiex jien inkun nista’ nerġa’ naqbad naħdem, jien avviċinajt lil missieri sabiex naslu għal ftehim sabiex dawn il-mandati jitneħħew u sabiex jien inkun nista’ nerġa’ naqbad l-attività tiegħi. Tajjeb li nżid li missieri qatt ma kien ġab ebda prova li l-ammonti pretiżi kienu dovuti iżda jien kelli xorta waħda nasal għal kompromess miegħu billi l-pożizzjoni tiegħi kienet tali li jien ma stajtx nistenna u kelli nara kif ser nagħmel sabiex nillibera ruħi mill-mandati li kienu qegħdin jifnuni.[2]

Meta iżda xehed quddiem il-qorti fit-28 ta’ Ġunju 2004 stqarr illi tassew illi missieru kien silfu elf u tmien mitt lira (Lm1,800)[3], għalkemm fl-*affidavit* ried jagħti x’tifhem li dawk il-flus ma kinux dovuti. Qal ukoll, kontra dak li xehed fl-*affidavit*, illi qatt ma kellu konflitti ma’ missieru minħabba fir-relazzjoni li kellu ma’ mara miżżewġa[4].

Dawn l-inkonsistenzi fix-xhieda ta’ l-attur iwasslu lill-qorti biex tgħid illi ma tistax toqgħod fuq il-kelma tiegħu illi qatt ma ħa xejn mingħand il-ġenituri.

Min-naħa l-oħra, lill-qorti lanqas ma jidhrilha li tista’ toqgħod għalkollox fuq il-kelma tal-missier fl-aħħar testment tiegħu illi lill-attur kien tah għaxart elef lira (Lm10,000).

Qabel xejn, il-liġi, fl-art. 625(1) tal-Kodiċi Ċivili, trid illi “r-raġuni tad-diżeredazzjoni għandha tiġi ppruvata minn dak li jsostni d-diżeredazzjoni”. Li kien biżżejjed għat-testatur illi jgħid illi ġà ħallas il-leġittima matul ħajtu, b’hekk ikun jista’ jagħmel diżeredazzjoni *de facto* li tegħleb id-dispożizzjonijiet ta’ l-art. 625(1).

Dan ma jfissirx illi l-kelma tat-testatur ma għandhiex tingħata piż bħal kull xhieda oħra. Fil-każ tallum, iżda, din il-qorti ma hijiex sodisfatta illi l-missier kien oġġettiv biżżejjed meta illikwida d-donazzjonijiet fis-somma ta’ għaxart elef lira (Lm10,000). Dokumenti prodotti mill-konvenuti stess juru illi l-missier kien iżomm kont x’aktarx preċiż ta’ x’kien jagħti lil uliedu u għalhekk seta’, kieku ried, jelenka kull okkażjoni meta ta flus lill-attur u jgħid kemm tah f’kull okkażjoni. Barra minn hekk, kif xehdu l-

---

2 *Foll.* 416 *et seq.*

3 *Fol.* 137.

4 *Fol.* 139.

konvenut Joseph Cini[5] u martu Maria Concetta[6], il-kwistjoni tal-flus li kien ta lill-attur "kienet kważi saret ossessjoni tiegħu", tant illi kien jeħtieġ ukoll kura psikjatrika. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ma tkunx ħaġa kbira illi l-missier beda jara l-affarijiet akbar u agħar milli fil-fatt kienu u kien għalhekk illi wasal għaċ-ċifra ta' għaxart elef lira (Lm10,000).

Il-qorti għalhekk ma hijiex sejra toqgħod fuq l-istqarrija magħmula minn Rosario Cini fit-testmant tat-12 ta' Frar 1994 fl-atti tan-Nutar John Patrick Hayman, u hija tal-fehma illi aktar għandha toqgħod fuq in-notamenti li kien jagħmel fl-okkażjonijiet meta kien jagħti flus lil uliedu, għalkemm dawk id-dokumenti ma kienux imwettqa bil-ġurament tiegħu.

F'dawk l-istess notamenti, il-missier igħid ukoll illi kien għamel donazzjonijiet ukoll lil uliedu l-oħra, il-konvenuti. Dawn ukoll għandhom jitqiesu bħala parti mir-*relictum et donatum* biex il-qorti tkun tista' tasal għal-likwidazzjoni tal-leġittima.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Vincent, Anthony u Joseph Cini u tgħid illi t-talbiet ta' l-attur safejn jolqtu l-wirt ta' Carmela Cini waqgħu bi preskrizzjoni taħt l-art. 845 tal-Kodiċi Ċivili.

Taħtar lill-Avukat Michael Spiteri bħala perit sabiex bil-għajnuna ta' l-A.I.Ċ. Mario Cassar — li qiegħed jinħatar sabiex jagħmel stima ta' kemm kienu jiswew il-beni immobbli tal-wirt kemm meta nfetaħ il-wirt tal-missier u kemm meta nfetaħ dak ta' l-omm — jagħmel likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, ta' l-assi tal-wirt ta' l-omm, u ta' l-assi tal-wirt tal-missier. Għal dan il-għan il-perit għandu jqis ukoll il-valur tad-donazzjonijiet magħmula lill-konvenuti u tad-donazzjonijiet magħmula lill-attur kif jirriżultaw min-notamenti tal-missier.

Il-perit ma għandux jisma' xhieda jew jirċievi dokumenti.

L-ispejjeż tal-perizja għal issa jħallashom l-attur. Dwar l-ispejjeż l-oħra jkun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

---

[5] *Fol.* 54.

[6] *Fol.* 58 *et seq.*

---------------------------------TMIEM---------------------------------